SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 01-15

Illum It-Tlieta, 5 ta' Mejju 2015

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-5.00p.m.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri: Terrence Ellul, Frederick Cutajar, Liam Sciberras, Caroline Galea u Joseph Bonello.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sur Joe Bonello bħala l-aktar Kunsillier anzjan fetaħ il-laqgħa u stieden lil Kappillan Father Malcolm Agius biex jgħid it-talba. Filfatt il-Kappillan Father Malcolm Agius għamel talba għall-okkażjoni.

## 1. MINUTI

Peress li din hija l-ewwel laqgħa ta' dan is-Seba' Kunsill ma kienx hemm appovazzjoni tal-Minuti.

## 2. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA TA' SINDKU

Is-Sur Bonello, bħala l-aktar Kunsillier anzjan, staqsa lis-Sur Terrence Ellul, bħala l-Kunsillier elett fl-aħħar elezzjoni lokali għal-lokalita' ta' Santa Luċija, li kiseb l-għola għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-Partit Laburista li f'dawn l-elezzjonijiet kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri f'dan il-Kunsill, jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Is-Sur Ellul qal li jaċċetta l-kariga ta' Sindku u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni. F'dak il-ħin stess is-Sur Ellul ħa l-ġurament tal-Kariġa ta' Sindku quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr Ian Micallef. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lis-Sindku preċedenti s-Sur Frederick Cutajar biex ilibbes l-insinja lis-Sindku l-ġdid, is-Sur Ellul. Is-Sur Cutajar qal li kien qed ilibbes l-insinja lis-Sindku l-ġdid bħala turija ta' kontinwita' fil-ħidma tal-Kunsill il-ġdid. Huwa qal li xtaq li dan il-ġest simboliku jibqa jsir kull darba li fil-Kunsill ta' Santa Luċija jinbidel is-Sindku.

## 3. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA TA' VIĊI SINDKU

Is-Sindku, s-Sur Terrence Ellul, staqsa lis-Sur Frederick Cutajar, bħala l-Kunsillier elett fl-aħħar elezzjoni lokali għal-lokalita' ta' Santa Luċija, li kiseb, minbarra s-Sindku, l-għola għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-Partit Laburista li f'dawn l-elezzjonijiet kiseb il maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri f'dan il-Kunsill, jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Cutajar aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u ffirma l-ittra ta' aċċetazzjoni. F'dak il-ħin stess is-Sur Cutajar ħa l-ġurament tal-Kariġa ta' Viċi Sindku quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr Ian Micallef.

## 4. MESSAĠĠI TA' L-OKKAŻJONI

**4.1** Is-Sindku, is-Sur Terrence Ellul, qal li kif inhi l-użanza f'dan il-Kunsill jistieden lil membri eletti biex jagħmlu diskors qasir għall-okkażjoni. Huwa stieden lil Kunsilliera Caroline Galea biex tagħmel id-diskors tagħha.

**4.2** Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li din hija it-tielet leġislatura li fiha ipparteċipat bħala kandidat tal-Partit Nazzjonalista li f'din l-elezzjoni kiseb siġġu ieħor f'dan il-Kunsill. Hija qalet li qed tħares 'il quddiem b'entużjasmu. Hija rreferit għal Kunsillier ġdid li ġie elett għal Partit Nazzjonalista, Liam Sciberras, u qalet li issa għandha spalla fuq min isserraħ. Is-Sinjura Galea qalet li hawn ħafna xi jsir u li wara l-formalitajiet il-Kunsill għandu jaħdem flimkien għal ġid tal-lokalita' u l-kommunita' ta' Santa Luċija.

**4.3** Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Liam Sciberras biex jagħmel diskors ta' l-okkażjoni. Il-Kunsillier Sciberras qal li f'dan il-Kunsill issa hawn Sindku żgħażugħ. Huwa qal li xtaq jagħmel kjarifika fuq dak li ntqal fil-laqgħa ta' Marzu 2015 u semma l-isem eżatt taż-żewg partiti politiċi ewlenin. Huwa qal li fi ftit kliem dan il-Kunsill ser jaħdem għall-interess pubbliku u joħroġ b'ideat ġodda biex inwettqu l-ġid fil-kommunita'. Huwa rringrazzja n-nies preżenti u stieden ir-residenti kollha biex

jitkellmu mal-Kunsill. Huwa qal li diġa kienu jsiru dawn l-affarijiet iżda għandna nsaħħuhom aktar.

**4.4** Is-Sindku talab lil Kunsillier Joe Bonello biex jagħmel id-diskors tiegħu. Is-Sur Bonello qal li dan il-Kunsill irid jinsa l-kuluri u jaħdem flimkien għal ġid tal-lokalita'. Huwa feraħ lil Kunsillieri Liam Sciberras u Caroline Galea kif ukoll lil Viċi Sindku u lis-Sindku għal karigi tagħhom.

**4.5** Il-Viċi Sindku, s-Sur Frederick Cutajar qal li f'dawn l-aħħar ġimgħatejn kellu okkażjoni jitkellem ħafna fuq diversi ideat u proġetti għall-lokalita' ta' Santa Luċija. Huwa qal li importanti li dawn ikunu aċċettati min kulħadd biex flimkien naħdmu għal ġid tal-lokalita'. Huwa awgura lis-Sindku s-Sur Terrence Ellul u ħeġġu biex jibqa' jmexxi fuq *best practices* u qallu li ser isib il-Kunsill warajh. Huwa qal li llum il-Gvern ta' Malta qed ikollhu suċċess fil-politika li addotta u l-Kunsill għandu jaħdem biex jaddotta din il-politika wkoll fil-lokalita' ta' Santa Luċija.

**4.6** Is-Sindku s-Sur Terrence Ellul għamel id-diskors tiegħu għall-okkazzjoni:

"Nibda biex nifraħ lil sħabi Kunsilliera li ġew elletti: Frederick Cutajar, Joe Bonello, Caroline Galea u Liam Sciberras kif ukoll lil dawk il-kandidati li ma telgħux: Frans Scerri, Emanuel Rizzo, Jonathan Degabriele u Malcolm Banavage tal-impenn tagħhom biex jagħtu kontribut lil Lokalita' ta' Santa Luċija. Nifraħ lil Kunsillier Liam Sciberras li ġie elett għall-ewwel darba u huwa l-iżgħar kunsillier f'dan il-Kunsill. Nirringrazzja lil Viċi Sindku is-Sur Frederick Cutajar tal-ġid u xogħol li għamel għal lokal tagħna. Fl-aħħar iżda żgur u mhux l-anqas irrid nirringrazzja lir-residenti ta' Santa Luċija tal-fiduċja li wrew finha li llum qegħdin hawn biex nservu fil-Kunsill ta' din is-seba' leġislatura.

Dan is-seba' Kunsill ġab bidla miegħu fejn għal ewwel darba għandna Sindku ġdid wara 21 sena u bidla fin-numru ta kunsiliera li jirrappreżentaw lil Partit rispetivament tagħhom. Nerġa nirringrazzja li Sindku preċedenti tal-mod kif dejjem mexxa lil gruppi ta' Kunsilliera f'dawn is-sitt Kunsilli li għaddew. Jien flimkien ma sħabi ħa nkun qed nagħmlu l'istess billi se nkunu qed naħdmu flimkien bħala *team* wieħed magħqud. Jien minn naħa tiegħi ħa nkun qiegħed nwiegħed li f'dan il-Kunsil ġdid ha nkunu qegħdin viċin tan-nies billi nisimu lir-residenti u nagħmlu dak kollu possibbli biex intejbu l-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Ser inkunu qed naħdmu fuq Santa Luċija iktar nadifa, Santa Luċija iktar attiva' speċjalment fejn jidħlu attivitajiet. Ha nkunu qed naħdmu biex nerġu nibdew il-ħarġiet kulturali li kien jorganizza l-ħabib tagħna, s-Sur Joe Balzan li llum il-ġurnata ma għadux magħna. Fejn jidħlu żgħażagħ ħa nkunu qed naħdmu fuq iniżjattivi ġodda biex iż-żgħażagħ iħossuhom aktar parteċipi fit-tmexxija tal-lokalita'. Ha nkunu wkoll qed niltagħqu man-nies ġol pjazez ta' Santa Luċija kull

sena biex ir-residenti jkunu jistgħu jesprimu ruħhom dwar dak li jdejjaqhom u dwar dak li jixtiequ jaraw isir madwar Santa Luċija. Hawnhekk nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Caroline Silvio u l-istaff tal Kunsill: Louise Gatt u Marilyn Ellul tax-xogħol kbir li jagħmlu.

Jien minn hawn nerġa nirringrazzja lir-residenti li tawni din il-fiduċja li permezz tagħha llum jien ħadt il-ħatra ta' Sindku. Għalija dan huwa ta' unur kbir. Bħala persuna li twelidt, trabejt u qed ngħix ġo din il lokalita' li tant inħobb, din hija ħolma li saret realta'. Grazzi Santa Luċija. Grazzi kbira tmur ukoll lit-tfajla tiegħi Melanie u lil familja tagħna t-tnejn u lil sħabi kollha tas-support li dejjem tawni u nirringrazzjhom talli meta sejjaħtilhom dejjem sibthom. Grazzi mill-qalb."

**5. TMIEM**

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015</u>**

**Terrence Ellul**
**Sindku**